MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 43/2007

Michael, Joseph, Mary Cauchi, Mario, Theresa sive Tessie Camilleri, Rose Gatt, Monica Muscat ikoll ahwa Camilleri

Vs

Doris Sultana, Anthony Sultana; u Lorraine Sultana

Il-Qorti,

**L-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' somma flus skond disposizzjoni testamentarja li kienet tipprovdi ghal prelegat rimuneratorju bl-obbligu mpost fuq il-prelegatarji li jhallsu lil tnejn mill-werrieta (wiehed minnhom l-awtur tal-atturi) sehem mill-valur tal-immobbli mholli bi prelegat, *"….li jirrizulta bi stima li ssir x'hin imut l-ahhar wiehed fost it-testaturi….."*. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hi jekk l-istima kellix tirreferi ghall-valur tal-fond fil-perjodu tal-mewt tal-**

**ahhar testatur jew tal-lum – *Modus* impost fuq prelegatarji jew legat favur min kellu jircievi l-hlas ?**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-10 ta' April 2007 li permezz tieghu l-atturi ddikjaraw li:-

In-nanniet paterni tal-kontendenti kollha hlief Lorraine Sultana, u cjoe' Mikieli Camilleri u martu Rosa nee' Debono kienu irredigew testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar elf disa' mija erbgha u sittin (1964), u bis-sahha tar-raba artikolu ta' dak it-testment, huma hallew b'titolu ta' prelegat u bi tpattija tas-servizzi u assistenzi kollha ipprestati lilhom sa dakinhar mil-legatarji u bl-obbligu illi dawn jibqghu jipprestaw tali servizzi sad-data tal-mewt tas-superstiti fost it-testatur,

*'lit-tlett uliedhom Angelo, Carmela u Loreta (dawn it-tnejn xebbiet) fi kwota indaqs bejniethom il-lok ta djar residenza tat-testaturi fin-numri tlieta u tletin u erbgha u tletin (33, u 34) ta' Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex bil-gardina ta' xi hames sighan annessa min-nofsinhar, suggett ghal hames xelini u nofs cens perpetwu fis-sena, u bl-obbligu fihom prelegatarji illi jhallsu it-tlieta flimkien u fi kwoti ugwali bejniethom u ghal darba biss wara l-mewt tas-superstiti fost it-testaturi lil kull wiehed minn huthom Guzepp u Toni minn kull disa parti wahda mill-valur tal-istess immobbli li jirrizulta bi stima li ssir x'hin imut l-ahhar wiehed fost it-testaturi wara li minn din l-istima tkun inqatghet is-somma ta' mitejn lira illi l-imsemmi bin it-testaturi Anglu Camilleri ghamel benefikati fl-istess lok minn tieghu kif imsemmi fit-tielet artikolu'*.

It-testaturi innominaw bhala eredi universali taghhom lill-hamest uliedhom Angelo, Carmela, Loreta, Giusepp u Toni fi kwota ta' kwinta parti kull wiehed u wahda minnhom.

In effetti Loreta Camilleri mietet qabel il-genituri taghha, fit-tmienja (8) ta' Mejju elf disa' mija sitta u sittin (1966), u ghalhekk ghal dak illi jirrigwarda il-kwota imhollija lilha, dan il-prelegat tilef l-effetti tieghu.

Mikieli Camilleri miet fis-sebgha (7) ta’ Novembru elf disa mija sebgha u sittin (1967), u ghalkemm ghamel testment iehor fl-atti tal-istess Nutar fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ April elf disa mija erbgha u sittin (1964) ma biddilx sostanzjalment il-kontenut tal-legat hawn fuq imsemmi. Rosa Camilleri mietet fit-tnax (12) ta’ Frar elf disa mija sebgha u tmenin (1987) u ma biddlitx it-testment originali taghha.

Anthony Camilleri miet fl-ghaxra (10) ta’ Dicembru elf disa mija tmienja u disghin (1998) u irregola is-successjoni tieghu permezz ta’ testment fl-atti tan-Nutar Paul Pisani tal-hamsa ta’ Mejju elf disa mija tmienja u disghin (1998).

Angelo Camilleri miet fit-tlettax (13) ta’ Frar elfejn u hamsa (2005), u bis-sahha tat-tesment tieghu fl-atti tan-Nutar Paul Pisani tal-erbgha (4) ta’ Ottubru elfejn u wiehed (2001), innomina bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti.

Carmela Camilleri mietet fit-tmintax (18) ta’ Settembru elfejn u wiehed (2001) u irregolat is-successjoni taghha bis-segwenti testmenti; atti Nutar Pisani sitta’ (6) ta’ Awissu elf disa’ mija sitta u disghin (1996); u disgha u ghoxrin (29) ta’ April elfejn (2000); fejn halliet xi legati lil Doris Sultana u imbaghad innominat bhala eredi universali taghha lil Lorraine Sultana.

L-immissjoni fil-pussess favur iz-zewg prelegatarji mill-eredi baqghet qatt ma intalbet u qatt ma saret.

Doris Sultana tammetti illi bhala fatt la hija u lanqas l-imsemmija Angelo u Carmela Camilleri ma hallsu lil Anthony Camilleri il-valur tal-propjeta’ imhollija bi prelegat lill-istess Angelo u Carmela Camilleri, izda bejn il-kontendenti inqala’ disgwid dwar jekk il-valur illi ghandu jservi bhala bazi ghal dan il-hlas ghandux ikun dak vigenti fid-data tal-mewt tas-superstiti fost il-konjugi Mikiel u Rose Camilleri (kif jippretendu l-konvenuti); jew ghall-kuntrarju ghandux jkun dak vigenti fid-data tal-hlas (kif jippretendu l-atturi).

L-atturi jmisshom seba' ottavi (7/8) mill-ammont illi kellu jircevi missierhom Anthony Camilleri skond it-testment tal-genituri tieghu, u huma jridu illi dan l-ammont jithallas lilhom a bazi tal-valur tal-propjeta' vigenti dakinhar illi jsir il-hlas;

L-atturi talbu lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara illi l-atturi huma effettivament intitolati ghall-hlas minghandkom il-konvenuti ta' seba' ottavi (7/8) ta' nona parti (1/9) tal-valur tal-fond imholli b'titolu ta' prelegat lil Angelo u Carmela Camilleri mill-genituri taghhom; u illi dan il-valur ghandu jigi stabbilit a bazi tal-valur vigenti dakinhar illi ser isir tal-hlas, jew a bazi tal-valuri l-ohra illi jigu dikjarati applikabbli;
2. Sussegwetement tordna illi ssir stima ta' dan il-fond minn perit nominand;
3. Konsegwentement tikkundannakom *in solidum* bejnietkom sabiex thallsu lill-atturi il-kwota lilhom spettanti mill-ammont rizultanti minn din l-istima.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenuti fid-19 ta' Gunju 2007 (fol. 67) li permezz taghha qeghdin jecepixxu:-

1. Il-konvenuti qatt ma rrifjutaw li jhallsu l-valur ta' seba' ottavi (7/8) ta' nona parti (1/9) tal-valur fond tlieta u tletin (33) u erbgha u tletin (34) fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex lill-atturi izda jsostnu li l-istima tal-istess fond ghandha tkun tal-valur tal-fond fit-data tal-mewt tas-superstiti Mikiel u Rosa Camilleri u dan kif ordnat minnhom stess permezz tar-raba' artiklu tat-testment taghhom li sar fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u erbghin u sittin (1964).

2. Illi l-konvenuti ma ghandhom ibatu l-ebda spejjez stante illi huma ghamlu stima permezz ta' Perit tal-valur tal-fond hawn fuq indikat u offrew il-hlas lill-atturi li min-naha taghhom irrifjutaw u baqghu isostnu li l-istima trid issir fuq il-valur tal-lum.

Rat l-atti kollha inkluz ir-rapport tal-perit tekniku Alan Saliba (fol. 86) u noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Gunju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti tal-kawza huma s-segwenti:-

(a) Fil-25 ta' Frar 1964 Mikiel u Rosa konjugi Camilleri ghamlu testment *unica charta* fl-atti tan-nutar Dr. Giuseppi Cauchi.
(b) Michael Camilleri miet fis-7 ta' Novembru 1967 (fol. 10) u Rosa Camilleri mietet fit-12 ta' Frar 1987 (fol. 6).
(c) Permezz tar-Raba' Artikolu tat-testment: *"It-testaturi b'titolu ta' prelegat u bi tpattija tas-servizzi u assistenzi kollha pprestati lit-testaturi sa issa mil-legatarji ta' hawn taht u bl-obbligu dawn it-testaturi (recte, legatarji) li jibqghu hekk jaghmlu sal-mewt tas-superstiti fost it-testaturi jhallu bl-istess titolu ta' prelegat lit-tliet uliedhom Angelo, Carmela u Loreta (dawn it-tnejn xebbiet) fi kwota ndaqs bejniethom tlett ahwa Camilleri il-lok ta' djar residenza tat-testaturi fin-numru tlieta u tletin u erbgha u tletin ta' Trieq il-Gnien, Ghajnsielem Ghawdex bil-giardina ta' xi hames sieghan annessa minn nofs-in-nhar soggett ghall-hames xelini u nofs cens perpetwu fis-sena, **bl-obbligu fihom prelegatarji illi jhallsu t-tlieta flimkien u fi kwoti ugwali bejniethom u ghal darba biss wara l-mewt tas-superstiti fost it-testaturi lil kull wiehed minn huthom Guzepp u Toni minn kull disa' parti parti wahda mill-valur tal-istess immobbli li jirrizulta bi stima li ssir x'hin imut l-ahhar wiehed fost it-testaturi wara li minn din l-istima tkun inqatghet is-somma ta' mitejn lira illi l-imsemmi bin it-testatrici Anglu Camilleri ghamel benefikati fl-istess lok minn tieghu kif imsemmi fit-tielet Artikolu**"*.
(d) Ghalhekk il-fond 33 u 34, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex thalla bi prelegat lil Angelo, Carmela u Loreta ahwa Camilleri. Loreta Camilleri mietet fit-8 ta' Mejju 1966 (fol. 5), cjoe' qabel it-testaturi. Ghalhekk dik id-

disposizzjoni baqghet minghajr effett fil-konfront taghha u s-sehem taghha zdied mas-sehem tal-prelegatarji l-ohra (Angelo u Carmela) li llum huma mejtin.
(e) Angelo Camilleri miet fit-13 ta' Frar 2005 (fol. 30) u l-werrieta tieghu huma l-konvenuti Doris u Anthony konjugi Sultana. Carmela Camilleri mietet fit-18 ta' Settembru 2001 (fol. 44) u l-werrieta taghha hi l-konvenuta Lorraine Sultana.
(f) Skond it-testment, il-hlas hu dovut lil Guzepp u Anthony ahwa Camilleri. Anthony Camilleri miet fl-10 ta' Dicembru 1998 (fol. 23) u l-werrieta tieghu huma t-tmien uliedu (l-atturi u l-konvenuta Doris Sultana) skond testment li sar fil-5 ta' Mejju 1998 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani (fol. 28-29).
(g) M'huwiex kontestat li hu dovut hlas lill-atturi bhala s-successuri ta' Anthony Camilleri. Hemm qbil li l-hlas dovut lill-atturi hu ta' sebgha minn tmienja (7/8) ta' nona parti (1/9) tal-valur tal-fond[1], cjoe' 7/72.
(h) Fit-30 ta' Awwissu 2001, il-perit Emanuel Vella iccertifika li fl-1987 il-proprjeta' 33 u 34, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex kienet tiswa tnejn u ghoxrin elf lira Maltija (Lm22,000) (fol. 38). Stima li tista' tghid il-perit tekniku Alan Saliba jaqbel maghha (fol. 93).
(i) Fl-10 ta' Jannar 2007 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali li permezz taghha nterpellaw lil Doris Sultana sabiex isir il-hlas ai termini ta' din id-disposizzjoni (fol. 42). Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-18 ta' Jannar 2007, Doris Sultana kkonfermat li qatt ma kienet irrifjutat li jsir il-hlas; *"Infatti hija diga nkarigat Perit sabiex jaghti l-valur tal-fond fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem fid-data tal-mewt tas-superstiti fost it-testaturi indikati."*.
(j) Il-kontestazzjoni hi jekk l-ammont dovut lill-atturi bhala successuri ta' Anthony Camilleri ghandu jigi kkalkolat fuq stima relatata mal-valur tal-proprjeta' fiz-zmien tal-mewt ta' Rosa Camilleri (l-ahhar superstiti) jew meta jsir il-hlas.

[1] Ara l-ewwel talba tar-rikors guramentat (fol. 3) u l-ewwel eccezzjoni tar-risposta guramentata (fol. 67).

2. Kif rajna skond it-testment li ghamlu l-konjugi Camilleri, il-hlas dovut lill-ahwa Guzeppi u Anthony Camilleri kien dovut ***“…..mill-valur tal-istess immobbli li jirrizulta bi stima li ssir x’hin imut l-ahhar wiehed fost it-testaturi…….”***. M’hemmx dubju li l-ammont li ghandu jithallas ser ivarja skond jekk l-istima issir b’riferenza ghaz-zmien tal-mewt ta’ Rosa Camilleri (is-superstiti) jew il-valur tal-fond illum. It-testaturi hallew legat rimuneratorju lil uliedhom Angelo, Carmela, u Loreta. Il-principju generali hu li fil-kaz ta’ disposizzjoni ta’ wirt fejn il-kliem hu car u mhux ambigwu, id-disposizzjoni ghandha tibqa’ dak li jfissru l-kliem u wiehed m’ghandux joqghod jipprova jara x’kienet l-intenzjoni tat-testatur minn xhieda. Ghalhekk fejn m’hemmx ambigwita’, dak li jinghad hu dak li ghandu jipprevali. Dan in konformita’ mal-principju li *“ ubi nulla ambiguitas verborum est, non est facienda interpretatis quaestio.”*[2]. M’huwiex kontestat li fiz-zmien li mietet Rose Camilleri ma saritx stima tal-fond.

3. Il-qorti ma tarax li hu rilevanti l-paragun li ghamlu l-atturi[3] bejn il-fatti relatati ma’ dan il-kaz u l-kuncett tal-legittima (illum porzjon rizervata). Il-legittima hi regolata minn provvediment tal-ligi li ma japplikawx ghal dan il-kaz. M’hemmx dubju li t-testaturi hallew prelegat lil Angelo, Carmela u Loreta ahwa Camilleri. Obbligaw ukoll lill-prelegatarji sabiex jaghmlu hlas lil Anthony u Giuseppe ahwa Camilleri. Il-qorti hi tal-fehma li l-obbligu mpost mit-testaturi fuq il-prelegatarji jikkwalifika bhala *modus* li mhi xejn ghajr obbligazzjoni accessorja li tillimita il-beneficcju ta’ dak imholli lill-prelegatarji; *“Il legato e’ una disposizione testamentaria autonoma che ha lo scopo di attribuire direttamente, a un soggetto determinato o determinabile, un diritto (reale o personale),* ***il modus costituisce invece, come elemento accidentale, una disposizione accessoria, con la quale il testatore mira a raggiungere uno scopo qualsiasi, o facendo***

[2] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Dr. Joseph Zammit Tabona proprio et nomine et vs Prof. John J. Cremona** deciza fl-1 ta’ Gunju 2007. Ara wkoll sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **Rose Alden proprio et nomine et vs Raphael Pace** deciza fis-27 ta’ Gunju 2003.

[3] Ara nota ta’ sottomissjonijiet prezentata fil-15 ta’ Lulju 2008.

***indirettamente pervenire vantaggi a un beneficiario*** *(il quale puo' anche essere indeterminate o privo di personalita' giuridica), mediante l'imposizione di un peso a carico dell'erede o del legatario, oppure imponendo delle modalita' a questi ultimi nella persecuzione dei piu' vari intendimenti. Mentre il legatario e' un avente causa del disponente, il beneficiario del modus e' un avente causa dell'onerato….. si ha modus quando manca tale diretta successione, manifestandosi chiaramente il carattere accessorio della prestazione, nel senso che il carico sia imposto all'onerato come una limitazione, come un accessorio, come un'appendice negativa del beneficio ricevuto."*[4]. Il-qorti ma tqiesx li f'dan il-kaz hemm l-ipotezi ta' legat in kwantu l-vantagg lit-terz (Giuseppe u Anthony ahwa Camilleri) ma jidhirx li kien direttament ikkunsidrat mit-testaturi bhala l-iskop wara din id-disposizzjoni. L-iskop wara dan ir-raba' artikolu kien li t-tlett ahwa jigu kkumpensati ghall-ghajnuna u assistenza li taw lill-genituri. Filwaqt li l-legat hu awtonomu u l-legatarju jkun l-aventi kawza tal-mejjet, l-obbligu jintegra liberalita' indiretta li wiehed jottjeni permezz ta' obbligazzjoni li tigi mposta mit-testatur fuq l-onorat (il-prelegatarju), b'mod li l-beneficcjarju ta' din il-liberalita' indiretta hu l-aventi kawza tal-prelegatarju.

4. Fil-fehma tal-qorti dan hu ezempju klassiku ta' kemm hu mportanti r-rwol ta' nutar fil-kitba ta' testmenti. Il-kjarezza fil-kitba hi mezz kif jigi evitat dizgwid bla bzonn. In-nutar ghandu jaghmel hiltu li jizgura li r-rieda tat-testatur tigi verament riflessa f'dak li jinkiteb. Ghalhekk hu mportanti li fl-ewwel lok in-nutar jifhem x'inhi r-rieda tat-testatur u mbaghad jizgura li l-intenzjoni tat-testatur tigi riflessa fit-testment. Sfortunatament wiehed ta' spiss

---

[4] *Istituzioni di Diritto Civile,* Alberto Trabucchi, Cedam, 1981, pagna 898. Fil-kawza **Francesca Saveria Muscat vs Bice Borg nomine et** deciza fit-28 ta' Mejju 1958, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet: *"Il-modus mhux hag'ohra hlief obbligazzjoni accessorja ghal kuntratt ta' indoli gratuwita, li tigi mposta lill-persuna gratifikata; minghajr dan il-modus, il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalita'; il-modus inaqqas il-beneficcju tal-persuna gratifikata, u jirrendi l-kuntratt imperfettament onerus; ghalhekk il-mods hu koncepibbli biss fid-donazzjonijiet u fil-liberalitajiet testamentarji, jew almenu f'dawk il-kuntratti, li ghalkemm apparentement korrispettivi, jikkontjenu pero' tahlita ta' liberalita', u fil-limiti ta' din il-liberalita' l-att hu kapaci li jkun sottopost ghal piz, ghal onus, jigifieri ghal modus."*

jiltaqa' ma' kwistjonijiet li jinqalghu bla bzonn minhabba l-mod xejn felici kif jigi abbozzat l-att. Diffikultajiet li jkomplu jikbru iktar u iktar, bhal fil-kaz taghna, bit-trapass ta' snin twal u in kwantu dawn huma kwistjonijiet li ovvjament jinqalghu wara l-mewt tat-testatur. Skond id-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni, il-hlas dovut lil kull wiehed minn Guzeppi u Anthony ahwa Camilleri hu ta': *"**kull disa' parti parti wahda** mill-valur tal-istess immobbli li jirrizulta bi stima li ssir **x'hin imut** l-ahhar wiehed fost it-testaturi……."* (enfazi tal-Qorti). Il-konvenuti qeghdin isostnu li l-kliem ma jhalli ebda lok ghal interpretazzjoni in kwantu fit-testment jinghad espressament li l-istima kellha ssir *"x'hin imut"* is-superstiti. Ghall-ezitu ta' din il-kawza l-intenzjoni tat-testaturi hi kardinali, intenzjoni li tista' biss tasal ghaliha mit-testment. Il-qorti ma taqbilx li mid-disposizzjoni testamentarja jirrizulta li l-intenzjoni tat-testaturi kienet li ssir meta ssir, l-istima kellha tirreferi ghall-valur tal-fond fiz-zmien tal-mewt tas-superstiti. Jekk wiehed kellu jaghti interpretazzjoni litterali ghal kliem tat-testaturi (*"bi stima li ssir **x'hin imut** l-ahhar wiehed fost it-testaturi"*), ikun ifisser li l-istima kellha ssir fil-mument tal-mewt ta' Rosa Debono. Ovvjament dan ma kienx possibbli. Il-qorti temmen li r-rieda tat-testaturi kienet li l-istima u l-hlas isiru fl-epoka tal-mewt tas-superstiti fosthom, u b'dan il-mod Guzepp u Anthony Camilleri jkunu qeghdin jircievu hlas bazat fuq il-valur reali tal-fond meta jsir il-hlas. Hi din l-intenzjoni li l-qorti ser tara li tigi mwettqa b'din id-decizjoni. Kif rajna l-prelegat hu rimuneratorju (*"tpattija tas-servizzi u assistenzi kollha ppristati lit-testaturi…."*), u b'dak li ordnaw jidher li t-testaturi kienu tal-fehma li l-valur tal-proprjeta kienet tiswa iktar minn dak dovut lill-prelegatarji. F'tali cirkostanzi jidher li riedu li wliedhom Guzepp u Anthony jibbenefikaw mill-valur ta' porzjon mill-proprjeta' li thalliet b'legat billi mponew obbligazzjoni fuq il-prelegatarji. Il-qorti ma temminx li bil-mod li nkitbet din id-disposizzjoni, it-testaturi kienu qeghdin jipprospettaw xenarju fejn ser ighaddu iktar minn ghoxrin (20) sena sabiex issir l-istima u l-prelegatarji jwettqu l-obbligazzjoni mposta fuqhom u l-kalkoli jsiru fuq valur ta' proprjeta' ta' ghoxrin (20) sena qabel. Wiehed jippretendi li kieku din kienet ir-rieda tat-testaturi dan kien jigi rifless fid-disposizzjoni relattiva, billi jinghad li ssir meta

ssir l-istima ghandha tkun relatata mal-valur tal-proprjeta fiz-zmien tal-mewt tas-superstiti. L-istima ma saritx meta kellha ssir u l-prelegatarji kellhom l-obbligu li jwettqu l-obbligazzjoni skond l-ordni tat-testaturi. Il-fatt li ghal grazzja ta' l-argument Guzepp u Anthony ahwa Camilleri u l-atturi setghu ma nterpellawx lill-prelegatarji u lill-konvenuti, ma jfissirx li ppregudikaw ruhhom. Il-qorti tifhem li l-kreditur ghandu obbligu li jikkoopera fit-twettiq tal-obbligazzjoni li ghandu d-debitur fis-sens li jrendi possibbli, jagevola u mhux irendi iktar difficli l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni min-naha tad-debitur. Obbligu li fil-fehma tal-qorti hu bazat fuq il-principju tal-*buona fede*. Mill-provi ma tressqux provi li juru li l-kredituri kienu qeghdin b'xi mod jaghmlu ostakoli lid-debituri biex iwettqu l-oneru mpost fuqhom. Mill-atti rrizulta li l-unika offerta li setghet saret mid-debituri kienet biex ihallsu skond il-valur tal-fond fl-1987, wara r-rapport li ghamel il-perit Emanuel Vella fl-2001. Apparti l-fatt li ma jistax jinghad li din kienet offerta tempestiva, meqjus li Rosa Camilleri mietet fit-12 ta' Frar 1987), l-offerta ma kenitx accettabbli ghall-kredituri u certament in-nuqqas ta' accettazzjoni waslet biex ir-rapport obbligatorju ma giex imwettaq. Madankollu mill-atti processwali ma jirrizultax li d-dewmien tad-debituri sabiex iwettqu l-obbligazzjoni hi b'xi mod imputabbli ghall-kredituri. L-obbligazzjoni ma kienet ta' hadd hlief il-predecessuri tal-konvenuti (Angelo u Carmela ahwa Camilleri) u l-inadempjenza taghhom li jwettqu dak li ordnaw it-testaturi fiz-zmien meta kellha ssir l-esekuzzjoni, m'ghandix twassal sabiex il-kliem jigi nterpretat f'kuntest li bih tkun qeghda tigi eluza l-ahhar volonta' tat-testaturi. Id-dewmien hu r-responsabbilta' tal-konvenuti u l-predecessuri taghhom li fuqhom gie mpost l-obbligu, u bl-inadempjenza taghhom huma kienu *in mora*. Inoltre, wiehed ma jridx jinsa li t-testment hu *unica charta* u mid-disposizzjoni testamentarja hemm ukoll indikazzjoni li bil-mod li gie abbozzat ir-Raba' Artikolu t-testaturi kienu qeghdin jiccaraw li mal-mewt tal-predefunt (li nzerta kien Michael Camilleri) ma kellix issir stima tal-proprjeta' u hlas ta' flus. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti temmen li l-istima ghandha tirrifletti l-valur tal-lum.

5. Ghal dak li hu valur tal-proprjeta', il-perit tekniku gustament kellu jistabbilixxi l-valur tal-fond biex ikun jista' jasal ghas-sehem li hu dovut lill-atturi. Il-perit wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet:-

*"ghas-sena 1987 fl-ammont ta' tmienja u erbghin elf Euro (€48,000)……………….*

*Ghas-sena korrenti*[5] *fl-ammont ta' tlett mija u tmenin elf Euro (380,000)"* (fol. 93).

Ovvjament ghal finijiet tal-valur tal-lum il-perit tekniku ha in konsiderazzjoni l-izvilupp li jista' jsir fil-proprjeta' skond il-pjan lokali ghal Ghawdex mahrug fl-20 ta' Lulju 2006. Hadd mill-kontendenti ma kkritika din is-sistema. Hi realta' wkoll li s-suq qieghed jiddetta li l-valur tal-proprjeta' (inkluz dik in kwistjoni) jiddependi mit-tip ta' izvilupp li jista' jsir[6] irrispettivament jekk ikunx ser isir zvilupp jew le. Realta' li wiehed ma jistax jahrab minnha. Tant hu hekk li l-valur ivarja wkoll skond tibdil li jsir minn zmien ghal zmien fil-pjan lokali dwar it-tip ta' zvilupp li jista' jsir fil-proprjeta' partikolari u l-*policies*. Ghal dawk li huma valuri, din hi materja ta' natura teknika li l-Qorti hi tal-fehma li m'ghandix tiskarta. Ma tressqu l-ebda argumenti jew xi provi li b'xi mod jistghu jikkonvincu lill-Qorti li m'ghandix taqbel mal-konkluzjoni tal-perit tekniku. Bl-istess mod hadd mill-kontendenti ma kkontesta l-estensjoni tal-proprjeta' kif deskritta mill-perit tekniku[7]. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-hlas dovut hu ta' sitta u tletin elf erbgha mija u tmienja u sebghin euro (€36,478)[8] wara li tnaqqset is-somma ta' erbgha mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87)[9].

---

[5] 2008.

[6] Deskritt mill-perit tekniku bhala *"potenzjal ta' zvilupp."*.

[7] Ara dik il-parti tar-rapport intestata *"Deskrizzjoni u stima tal-fond 33/34, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex."* fejn hemm dikjarat ukoll li *"Il-proprjeta ghandha faccata ta' hmistax-il metru (15m) bil-wisgha taghlaq fuq wara ghal ghaxar metri (10m) u fond totali ta' tnejn u sittin metri (62m) b'kejl ta' tminn mija u tlettax metri kwadri (813mk). Dawn il-figuri huma approsimattivi u ghal skop ta' stima biss."* (fol. 92).

[8] 7/72 ta' €380,000.

[9] Ghal benefikati li saru minn Anglu Camilleri u kif ordnat mit-testaturi.

6. B’riferenza ghat-talba li ghamlu l-atturi fin-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw fil-15 ta’ Lulju 2008 sabiex il-qorti tordna li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat (fol. 126), ma saritx talba f’dan ir-rigward. F’kull kaz jirrizulta wkoll li m’hemmx kontestazzjoni dwar il-prelegat, u hu maghruf li l-immissjoni tista’ tkun espressa u tacita. Mill-atti ma jidhirx li hemm xi opposizzjoni min-naha tal-atturi ghall-pussess li ghandhom il-konvenuti[10].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tilqa’ t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* ihallsu lill-atturi s-somma ta’ sitta u tletin elf erba’ mija u tmienja u sebghin euro (€36,478) bhala s-sehem spettanti lilhom.

Spjejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] Pussess li jirrizulta mill-verbal tal-access li ghamel il-perit tekniku fis-27/9/2007: *“Prezenti r-rikorrenti assistiti minn Dr. Carmelo Galea u l-intimati. L-intimati oggezzjonaw ghall-prezenza tar-rikorrenti waqt l-access.”* (fol. 101)